# Poeżija Nostalġika

## *L-Imgħoddi nstab f'poeżija*

## minn Catarina Vella

Imaġinazzjoni,
ħsieb u nostalġija,
fuq il-passat memorabbli,
disperazzjoni qawwija!

Silenzju, silenzju,
u kwiet, u skiet.
B'interess konna nħarsu
minn bejn it-toqba tal-muftieħ.

Fuq siġġu għaddej iżaqżaq,
fejn omm kienet tbennen lit-tarbija,
oħti biċ-ċraret kienet tilgħab,
u aljenat jilgħab bil-boċċi kien hemm ħija.

Daqq ta' kitarri,
kien jinstema' mis-salott,
irwejjaħ ifuħu mill-kċina,
tal-bigilla u tal-frott.

Bil-faċendi konna nehdu,
skola ma kontx immur,
naħslu l-ħwejjeġ u nonxruhom,
u nistennew il-barmil ifur.

L-hena tagħna, dak iż-żmien,
kien li nagħlfu l-annimali,
fuq xejn ma konna ngergru,
lanqas fuq li naħdmu fir-raba' sat-tard.

Kulħadd kien ikollu,
ħafna xogħol żejjed,
ħadd ma kien iħossu,
għarqan, u għajjien mejjet.

U riħa ta' tiben frisk,
u bajtar nieklu bla waqfien,
niddendlu mal-ħajt tas-sejjieħ.
Alla ħares naqa', x'konfużjoni!

Stembaħt fuq is-sodda mgezza.
Qomt u tektikt mal-mejda,
xi ġmiel kien l-imgħoddi!
proprju dan warrabna 'l hemm!

Ħadt nifs twil,
Barra mit-tieqa kkonnċentrajt,
fuq dan il-mument ta' diqa.

U ħarist lejn ix-xemx tiżreġ,
u s-sħab jiġġebbed mar-riħ,
din kienet l-aħħar darba,
li ftakart f'mument sabiħ.

Bini t'appartamenti,
kostruzzjoni ta' blokkijiet,
raba' kollu mibni,
kullimkien bl-irtokkijiet.

Waqgħet demgħa minn għajnejja,
u din nifditli qalbi.
Nispera li dawn l-għelieqi ma jinbnewx!
J'Alla l-Mulej jisma talbi.

U dan kollu ħarbixtu f'poeżija,
mill-fond li nibtet din il-ħbiberija,
kollox se jispiċċa issa,
b'esklamazzjoni, u mistoqsija!?